**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 325/97

Joseph Mifsud Tommasi

vs

Louis Grech qua Chairman Air Malta Company Limited

Illum 8 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' April 1993, huwa sofra ingustizzja billi inghatat preferenza indebita lil certi applikanti bi pregudizzju tieghu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

fis-6 t'April 1993, l-AirMalta Company Limited permezz ta' cirkolari numru 30 tas-sena 1993, ghamlet sejha ghall-applikazzjonijiet mill l-istaff taghha ghal post ta' Lounge Steward

jew Lounge Hostess Clerical Grade 1 fl-Executive Lounge maghrufa wkoll bhala Europa Lounge fil-Malta International Airport l-istess cirkolari tkompli tghid li tinghata preferenza lil Pursers u cabin Crew tal-Flight Service b'minimu ta' ghaxar snin servizz - Dokumenti A u B.

Illi l-ilment tieghu fis-sens li peress li l-passiggieri li jistghu jaghmlu uzu mill-Europa Lounge fl-ajruport huma l-"club class" u l-"very important persons" li jkunu "in transit" u s-servizz moghti lilhom hu kompletament "self-service" dan hu purament xoghol tal-"Ground Handling Staff" tal-kumpanija u kien ingust li l-lingwagg uzat fl-interview sar bil-lingwagg esklusiv tal-cabin crew. Ir-rikorrent jaghti dettalji ta' dan l-ilment fix-xhieda tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi xhiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi l-intimat jirrimedja billi jaghmilha possibbli li r-rikorrent jottjeni din il-promozzjoni jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas lir-rikorrent kumpens fl-ammont li ma jissuperx is-somma ta' Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-Air Malta Company Limited li eccepiet:

Illi l-pretensjonijiet maghmula fir-rikors ta' Joseph Mifsud Tommasi ghandhom jigu michuda kompletament ghar-ragunijiet segwenti:-

1) Hija nfondata l-allegazzjoni tar-rikorrent li s-socjeta' intimata qatt agixxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront tieghu,

2) Illi d-decizzjoni tas-socjeta' intimata fuq liema kwalifiki, liema karatteristici u liema kategorija ta' impjegati huma l-iktar xierqa ghal kariga partikolari, hija prerogativa assoluta tas-socjeta' intimata u ghalhekk ma tistax tigi sindikata minn ebda Tribunal jew Qorti.

3) Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent li "kien ingust illi l-lingwagg uzat fl-interview kien dak esklusiv ta' cabin crew" hija nfondata peress illi s-socjeta' intimata ghandha kull dritt tiddeciedi illi x-xoghol li hija tippretendi mill-Executive Lounge kellha tkun ta' natura ta' Customer care u li jkollha x'taqsam mat-tmexxija tal-post, liema xoghol huwa simili hafna ghal dak il-cabin crew, u kompletament differenti minn dak tal-Passanger Handling Staff u ghal din ir-raguni id-domandi li gew maghmula fl-interview kellhom bil-fors ikunu relatati mat-tip ta' xoghol li jsir mill-cabin crew.

4) Illi mhuwiex korrett li l-Executive Lounge huwa kollu self service kif gie allegat mir-rikorrent, ghaliex ix-xoghol f'din is-sezzjoni jirrikjedi wkoll illi l-Executive Lounge tkun f'kull waqt fornita bl-istock kollu necessarju u tkun dejjem fi stat nadif u ben mantenut, liema xoghol huwa identiku ghal dak tal-cabin crew u differenti minn dak tal-Passanger Handling Staff.

5) Illi r-rikorrent gie kklassifikat fis-sittax (16) il-post minn tnejn u ghoxrin (22) applikant kif jidher mir-rizultati ta' l-interview ippublikati mis-socjeta' intimata u annessi mar-risposta - Dok A, u minn dawn l-applikanti sitt (6) kandidati gew maghzula.

6) Illi inoltre il-kandidati li gew kklassifikati bejn is-seba' (7) u l-hmistax (15) il-post ukoll ma kienux membri tal-cabin crew u ghalhekk jidher car illi r-rikorrent ma kienx tal-livell mixtieq mis-socjeta intimata ghal din il-kariga, u dan lanqas meta pparagunat ma impjegati ohra li, bhar-rikorrent, ukoll ma kienux membri tal-cabin crew.

7) Illi fl-1995 saret sejha ohra ghall-applikazzjonijiet ghal kariga ta' Officer ewropa Lounge (Clerical Grade 1) fejn, minn sbatax (17) il-applikant li minnhim kellu jintghazel applikant wiehed biss, ir-rikorrent gie kklassifikat fid-disa (9) post (kif jidher mir-rizultati ta' l-ezami bil-miktub u ta' l-interview kif ppubblikati mis-socjeta intimata - Dok B) u fejn l-interviewing board kien kompost b'membri differenti mill-Board ta' qabel.

8) Illi r-rikorrent appella mid-decizjonijiet ta' l-Interviewing Board kemm ta' l-1993, kif ukoll ta' l-1995, quddiem il-Bord ta' l-Appell tas-socjeta intimata, liema bord huwa indipendenti u huwa kostitwit minn bniedem rispettabbli li kien membru tat-trade union u dan il-Bord fiz-zewg okkazzjonijiet cahad it-talbiet tar-rikorrent u ddecieda li 'jirrizulta li f'ebda hin ma kien hemm xi att ta' ingustizzja kontra l-appellant' kif ukoll 'mir-rizultat jidher car li kollox sar regolari kif fil-fatt l-appelant gie kklasifikat skond il-mertu tieghu' (kopja tar-rapport tal-Bord ta' l-Appell gew annessi u mmarkati Dok C u Dok D).

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi jidher car illi ma kien hemm ebda ingustizzja kontra r-rikorrent u ghalhekk is-socjeta' intimata talbet lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawzi.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit. Fost affarijiet ohra qal:

"Jekk wiehed janalizza r-rizultat bir-reqqa dovuta jasal ghal konkluzzjoni li b'kumbinazzjoni kbira mit-tnejn u ghoxrin kandidat li resqu ghall-ezami dawk ta' l-istess kredu politiku u ta' l-interviews gew mill-ewwel sa l-ghaxar post waqt li dawk ta' kontra jibdew minn hmistax l'isfel. Meta wara sitt xhur biss wahda minn dawk maghzula li lanqas biss ma kellha hames snin esperjenza ma' l-Airmalta iddecidiet li titlaq minn dan il-post, il-kumpanija mhux biss hallewla l-post vakanti just in case terga tigi talli regghu impjegawha minn Ruma biex tista tkun mar-ragel. Kien biss meta din issetiljat l-Italja li l-kumpanija harget sejha ohra ghal dan il-post u dan qabel ma kellhom konferma mill-appeals board li l-ebda applikazzjoni minn dawk li gew miftuha rigward din il-promotion ma kien gustifikat. Meta l-General Workers Union ghamlet il-protesti taghha f'dan ir-rigward f'inqas minn gimgha hareg ir-rizultat ta' l-istess Board ta' l-appell tal-kumpanija fejn wara rapport ta' nofs pagna biss u minghajr l-ebda possibilita' li wiehed jista' jirribatti dak li qalu l-interviewing board gie deciz li kollox kien sar kif suppost."

Pero' sfortunatament minn flokk ma semma l-fatti relevanti r-rikorrent ghazel li jaghmel diversi attakki fuq hafna nies, u ghamel hafna argumenti.

Ir-rikorrent in kontro ezami stqarr li l-ilment tieghu huwa dak li espona fir-rikors. Izda minflokk fih kwantita' ta' affarijiet li m'ghanhomx x'jaqsmu ma' l-ilment specjalment fuq il-leave.

Wara esebixxa zewg decizzjonijiet tal-Ombudsman wiehed dwar trasferiment ingust biex juri agir diskriminatorju sistematiku kontra tieghu. L-iehor jirrigwarda kaz ta' Assistant Manager mhux maghzul ghall-kariga ta' Manager.

Wilfred Borg xehed li kien l-ideatur tal-Europa Lounge fl-Airmalta. Bejn l-1992 u 1993 l-Airmalta kellha servizz ghall-passigieri li huma club class. Sa dak iz-zmien is-servizz kienet tixtrih mill-MIA. Dan ifisser li l-MIA kellha lounge operat minn nies tal-MIA, li jaghtu dan is-servizz. Mhux lill-Airmalta biss izda lil-linji ta' l-ajru kollha. L-MIA kienet tohrog charge ghal kull pasiggier li jidhol fil-lounge taghha. L-Airmalta riedet li jkolla lounge propju taghha, u ghalhekk giet zviluppata parti li kienet il-club class lounge ta' l-Airmalta. L-ideja kienet li l-passiegiera jkollhom ambjent sabih fejn jistennew qabel ma jghaddu t-tickets ecc. qabel ma jitilghu fuq l-ajruplan. Riedu lin-nies li jkunu hemmhekk jaghmlu dan it-tip ta' xoghol, tindif u kklirjar ta' mwejjed. Kien hemm ukoll is-servizz ta' self service.

Zied jghid: "Ghalhekk id-doveri ta' min jimmanja l-Lounge u d-doveri tal-cabin crew riedu jkunu jaqblu. Ahna ridna li min jimanja l-Lounge ikollu l-istess kwalitajiet bhal tal-cabin crew. Kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet fejn kien hemm sitt vakanzi u kien hemm imnizzel ukoll li se tinghata preferenza lill-cabin crew. Dan la mill-individwi u anqas mill-unions… Li naf huwa li wara dik gew appuntati sitta minn nies biex jimlew is-sitt vakanzi, s-sitta li huma kienu cabin crew..."

Il-cabin crew ikollhom training ta' kull sena ta' customer care, passenger handling ecc. Passenger Handling ifisser kif jihhendiljaw passigieri f'kaz ta' first aid, emergenza ecc. u mhux passenger handling hekk kif jaghmlu l-passenger handling staff. Semma li nhalaq dan l-opening fl-Europa Lounge, li dawk li jkunu fil-cabin crew minhabba ragunijiet diversi jibqghu cabin crew jahdmu abbord jistghu jinzlu jahdmu fl-Europa Lounge u fejn jistghu jibqghu juzaw it-talenti taghhom. Ghalhekk ma jinghatawx xoghol differenti bhal xoghol klerikali u procedurali li n-natura tax-xoghol ikun differenti minn dak li jkunu draw jaghmlu bhala cabin crew.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Issa r-rikorrent qed jilmenta li meta fis-6 ta' April, 1993 l-Air Malta Company Limited harget cirkolari numru 30 ghal sejha ghall-applikazzjonijiet mill-istaff taghha ghal post ta' Lounge Steward jew Lounge Hostess Clerical Grade 1 fl-Executive Lounge maghrufa wkoll bhala Europa Lounge fil-Malta International Airport u li fl-istess cirkolari kien hemm li tinghata preferenza lil Pursers u cabin Crew tal-Flight Service b'minimu ta' ghaxar snin servizz, dan kien irregolari u diskriminatorju.

Issa fil-kawza deciz dit-30 ta' Gunju, 1999 fl-ismijiet Carmel McKay vs Bank of Valletta, it-Tribunal qal:

"Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod

differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva tratatment differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti."

Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru, il-Qorti qalet:

"Hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva tratatment differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti" [Law of the European Convention on Human Rights - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, Law and Practice of the European Convention on Human Rights - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136.

It-Tribunal ihoss li huwa d-dritt tal-Kumpanija jew entita ohra li tistabbilixxi l-kriterji ghall-applikazzjonijiet ta' haddiema taghha u li tispecifika l-kweziti, kwalifika, u esperjenza ta' dawn l-applikanti. Il-Qorti jew Tribunal m'ghandux normalment jidhol f'dawn il-kriterji ghax altrimenti jkun qieghed isir il-Manager tal-istess kumpanija. Dan naturalment qieghed jinghad purche' ma jkunx hemm fatturi ohra bhal diskriminazzjoni, jew allokazzjoni zbaljata ta' marki, jew proceduri li manifestament ma jispirawx fiducja specjalment jekk dawn ikunu ibbazati fuq xi favoreggjament ta' xi klassi jew grupp politiku jew iehor. Ghalhekk il-Gvern u korpi parastatali ma jistghux jimpjegaw jew jaghtu promozzjonijiet lil xi settur jew soci ta' partit politiku, lanqas fl-ghoti ta' promozzjonijiet jittraskuraw kriterji bhal kwalifiki u esperjenza u efficjenza. Lanqas jistghu jaghtu marki ta' kriterji li applikant ma jkollux. Naturalment lanqas ghandhom jaghmlu l-affarijiet tailor made. Izda dan minn naha l-ohra ma jfissirx li l-Qorti ghandha tidhol hi biex tghid li l-Ground Handling Staff ghandu l-istess importanza daqs il-Cabin Crew fit-tmexxija tal-Ewropa Lounge. Dan fil-fehma tat-Tribunal ma jistax jigi definit bhala ingustizzja.

Ghal dawn il-motivi, jilqa' l-eccezzjonijiet [senjatament it-tieni eccezzjoni] tas-socjeta' intimata.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.